C/2024/1649

21.2.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11440 – CLEARLAKE / INSIGHT / ALTERYX)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1649)

1. Fl-14 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clearlake Capital Group L.P. ("Clearlake"), l-Istati Uniti,

— Insight Venture Management LLC ("Insight"), l-Istati Uniti, ikkontrollata minn Insight Holdings Group LLC,

— Alteryx, Inc. ("Alteryx"), l-Istati Uniti.

Clearlake u Insight se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Alteryx.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Clearlake hija ditta ta' investiment privat b'kumpaniji tal-portafoll attivi fis-software u s-servizzi abilitati mit-teknoloġija, l-enerġija u l-industrijali, u l-ikel u l-prodotti għall-konsumatur.

— Insight hija ditta globali ta' kapital ta' riskju u ekwità privata, li tinvesti primarjament fis-settur tat-teknoloġija, tiffoka fuq teknoloġija li tħares lejn il-konsumatur, u infrastruttura tas-software bbażata fuq is-SaaS.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Alteryx huma dawn li ġejjin: kumpanija tas-software tal-kompjuter li toffri prodotti li jintużaw għax-xjenza tad-*data* u l-analitika. Is-software huwa ddisinjat biex jagħmel awtomatizzazzjoni analitika avvanzata.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11440 – CLEARLAKE / INSIGHT / ALTERYX

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË